MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2004

Appell Civili Numru. 606/1994/1

**Joseph Cassar ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` J. Cassar Commercial Plant Sales Limited precedentement maghrufa bhala Joseph Cassar Auto-Parts Limited**
**V.**
**Francis Zammit**

**Il-Qorti:**
**Preliminari:-**

B'citazzjoni presentata fid-29 ta' April, 1994 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc is-socjeta` attrici ppremettiet illi l-

attur nomine huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta' hames mija tnejn u hamsin lira maltin LM552.00) bilanc ta' prezz ta' auto-parts, lilu mibjugha w ikkonsenjati (invoices immarkati Dokument "B" u prospett immarkat Dokument "C"); u ghalhekk talbet li l-konvenut ighid ghaliex ghar-ragunijiet premessi u dispensat is-smiegh tal-kawza skond l-Artkolu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12) u in vista tal-affidavit tal-attur nomine (markat dokument "A") m'ghandhux (il-konvenut) minn din il-Qorti:-

1. jigi kkundannat ihallas lill-attur nomine s-somma ta' hames mija u tnejn u hamsin lira maltin (LM552.00) fuq imsemmija.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali kontra l-konvenut nomine (sic) li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

B'digriet tat-3 ta' Mejju, 1994 il-konvenut gie moghti l-fakolta li jikkontesta t-talba attriciu ghalhekk b'nota pprezentata fl-4 ta' Mejju eccepixxa:-

1. Illi l-eccipjent m'ghandu jaghti xejn lill-attur nomine.
2. Illi f'kull kaz, l-eccipjent kien jittratta ma' l-attur nomine f'isem is-socjeta` Tal-Blat Company Limited li taghha kien direttur, u dan l-attur jafu. Ghalhekk kull pretensjoni tal-attur nomine ghandha tkun rivolta lejn din s-socjeta`.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tat-23 ta' Marzu, 2001 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddisponiet minn din il-vertenza billi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut u laqghat t-talba attrici u kkundannat lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' LM552 bl-imghax legali u bl-ispejjes kontra l-istess konvenut u dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:-

*"Filwaqt li l-attur nomine jippretendi li l-konvenut ghandu jhallas s-somma ta' LM552 bhala bilanc ta' auto-parts, il-konvenut isostni li dawn huma dovuti mis-socjeta` Tal-Blat Company Limited.*

*"Mill-invoices annessi mac-citazzjoni (Dok B), kif ukoll mill-prospett (Dok C) u mir-rendikont (Dok MG) esebit mill-accountant tas-socjeta` attrici u minnu kkonfermat, jirrizulta li l-invoices numri 7001, 6551, 6539 u 5016 huma mhallsa filwaqt li l-invoices l-ohra ammontanti ghal LM557.20 ghadhom ma thallsux.*

*"L-attur nomine qed jattribwixxi r-responsabbilita` ghall-hlas taghhom lilll-konvenut a bazi tal-fatt li kien il-konvenut stess li kien indikalhom li l-invoices ghandhom jinhargu fuqu personali. Hekk xhed l-attur: "Konna naghmlu kif kien ighidilna hu. L-invoices li kienu fuq il-kumpanija fil-fatt il-kumpanija hallsithom …. Kieku qalilna konna nohorguhom fuq il-kumpanija ukoll pero` la darba ma qalilniex ahna nohorguhom fuqu personali." Xehed ukoll li meta interpella lis-socjeta` Tal-Blat biex ihallsuhom din irrifjutat "ghax qalu li tieghu personali."*

*"Da parti tieghu l-konvenut jargumenta li l-attur kien jaf bil-konnessjoni tieghu mas-socjeta` Tal-Blat (fiz-zmien in kwistjoni kien Managing Director). Ighid li f'xi uhud mill-invoices, taht isem id-debitur hemm indikat l-isem "Tal-Blat" (specifikatament l-invoices numri 6551, 6539 u 5016) u dan kien jitnizzel skond minn kien jinzerta bhala skrivan tas-socjeta` attrici. Xehed ukoll li kien spicca mill-kumpanija fl-ahhar ta' l-1991 u li kien sar ftehim dwar obbligi ta' hlas. Pero` huwa ma pproduciex kopja ta' dan il-ftehim.*

*"Is-socjeta` Tal-Blat ikkontestat id-dejn in kwistjoni. John Sammut, li kien direttur ta' din il-kumpanija flimkien mal-konvenut, xehed li ma kienx jaf li l-konvenut kien jixtri xi affarijiet minghand l-attur, li lill-attur ma jafux u ma jafx li kellhom affarijiet minn tieghu u li ma jafx x'inhuma l-invoices in kwistjoni. Pero` mbaghad in kontro-ezami jghid li kontijiet zghar ta' l-attur gieli hallsu u jekk hargu cheques huwa ffirmahom ukoll. Nonostante din il-kontradizzjoni apparenti fix-xhieda tieghu, ma jirrizultax li s-socjeta` Tal-Blat kienet fil-fatt taf b'dan id-dejn.*

*"Jean Pierre Muscat, xhud prodott mill-konvenut stess u li huwa awditur pubbliku, qal li primarjament l-informazzjoni*

*kien johodha minghand il-konvenut li kien jinfurmah dwar min hallsu, min baqaghlu jtieh, minghand min xtara u xi spejjes ghamel. Qal ukoll li l-konvenut kien izomm diary u jaghtih ir-rendikont kollu. Wara xi sena l-kotba beda jzommhom certu Camilleri Kamsky filwaqt li x-xhud baqa' bhala awditur. Il-Qorti ma jidhrilhiex li, ghalkemm kien hemm bidla tal-persuna li kienet izzom il-kotba tas-socjeta` Tal-Blat, seta' kien hemm raguni biex il-konvenut jiddipartixxi mill-mod kif kien jahdem, cioe` mill-informazzjoni li jaghti ghall-finijiet taz-zamma tal-kotba. Interessanti wkoll dak li xehed Muscat li l-konvenut kien izomm diary. Il-konvenut ma pproduca l-ebda dokument f'dawn il-proceduri in sostenn ta' l-allegazzjoni tieghu li s-somma mitluba fic-citazzjoni kienet ghax-xiri ta' oggetti ghall-kumpanija. Wara kollox l-oneru tal-prova tinsab fuqu.*

*"Barra minn hekk mill-invoices relattivi jirrizulta li l-konvenut iffirmahom minghajr ma ndika li kien qed jaccettahom ghan-nom tas-socjeta` Tal-Blat. Kien kompitu tieghu li, jekk ma kienx qieghed jikkontratta f'ismu proprju juri car u tond lill-attur nomine b'dan u jindikalu l-persuna guridika li ghan-nom taghha kien qieghed jagixxi. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet "Edmond Barbara vs Victor Vella" deciza fit-2 ta' Gunju1993, (Vol. LXXVII.iv.319), l-allura Qorti tal-Kummerc qalet:*

*"Illi huwa principju stabbilit illi fin-nuqqas ta' provi cari li juru l-kuntrarju, min jikkuntratta hu prezunt li kkontratta f'ismu stess. Il-mandat ma jistax jigi prezunt anzi skond l-insenjament ta'* ***Troplong*** *fin-nuqqas ta' provi cari l-mandat ghandu jigi eskluz."*

*"Ghalhekk l-eccezzjonijiet tal-konvenut ma jistghux jigu milqugha u s-somma mitluba ta' LM552 ghandha tithallas mill-konvenut."*

**L-appell tal-konvenut.**

Il-konvenut hass ruhu aggravat bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b'rikors ippresentata fl-10 ta' April, 2001 talab li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza moghtija fit-23 ta' Marzu 2001 mill-Prim Awla tal-Qort Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant, inkluza l-eccezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni sollevata f'dan l-appell, u tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

Fir-risposta tas-socjeta` attrici appellata din talbet li s-sentenza appellata tigi kkonfermata bl-ispejjes kontra l-konvenut appellant billi hija gusta fil-fatt u fid-dritt u timmerita konferma.

L-aggravju mressaq mill-konvenut appellant gie espress b'mod konciz fil-paragrafu 19 tar-rikors ta' l-appell u cioe` li fil-fehema tieghu "*l-ewwel qorti ma kellhiex tistrih biss fuq l-invoices at face value u kien hemm indikazzjonijiet bizzejjed biex tasal ghall-konkluzzjoni li l-attur kien jaf li l-kontrattazzjoni kienu qeghdin isiru fuq is-socjeta` Tal-Blat Company Limited.*" Barra minn dan l-aggravju l-istess konvenut appellant ressaq l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici a tenur ta' l-Artikolu 2148 (b) u/jew l-Artikolu 2148 (a) tal-Kodici Civili.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

Qabel xejn trid tigi kunsidrata l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut fir-rikors ta' appell billi din l-eccezzjoni, jekk gustifikata, tista' ixxejjen l-azzjoni attrici. Huwa minnu li skond l-Artikolu 728 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, kull eccezzjoni sew jekk dilatorja jew dwar il-mertu, ghandha tinghata fin-nota ta' l-eccezzjonijiet jew fir-risposta, skond il-kaz, salv id-dritt li, fil-mori tal-proceduri u bil-permess tal-Qorti, jingiebu eccezzjonijiet ohra meta l-istess qorti tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex tali eccezzjonijiet ma jkunx inghataw kif jiddisponi l-istess artikolu. B'dana kollu is-sub artikolu (1) ta' l-Artkolu 732 jiddisponi li "*l-eccezzjonijiet perentorji jistghu jinghataw ukoll fil-qorti fi grad ta' appell <u>ghalkemm ma</u>*

*jkunux gew moghtija fil-qorti ta' l-ewwel grad."* (Sottolinear ta' din il-qorti)

Il-preskrizzjoni, fost affarijiet ohrajn, hija mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid il-ligi, (Art. 2017 Kap 16). Bhala tali kull eccezzjoni ta' preskrizzjoni hija eccezzjoni perentorja billi din, jekk tigi milqugha, jkollha l-effett li twaqqaf il-proceduri stante li l-azzjoni attrici tkun perenta. Tali eccezzjoni ghalhekk hija ammissibbli f'dan li stadju tal-proceduri billi ukoll, kif jipprovdi l-Artikolu 2112 tal-Kap 16, li jghid li tali eccezzjoni tista' tinghata f'kull waqt tal-kawza, **imqar fl-appell.**

Il-konvenut appellant qed jressaq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta' l-azzjoni attrici a tenur ta' l-artikolu 2148 (b) u 2148 (a) tal-Kodici Civili, mentri s-socjeta attrici appellata qed issostni li l-azzjoni taghha m'hijiex preskritta "*in kwantu f'kwalsiasi kaz, ghandu japplika l-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligi ta' Malta."*

L-Artikolu 2148 (b) jghid li l-azzjonijiet ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut, jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar.

L-Artikolu 2148 (a) jghid li l-azzjonijiet tal-hajjata, skrapar, mastrudaxxa, bennejja, bajjada, haddieda, argentiera, arluggara u ta' persuni ohra li jahdmu sengha jew arti mekkanika, ghall-prezz ta' l-opri jew tax-xogholijiet taghhom, jew tal-materja li jfornu jaqghu wkoll bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' tmintax-il xahar.

L-Artikolu 2156 (f) jiddisponi li l-azzjonijiet ghall-hlas ta' kull kreditu li gej minn operazzjonijiet kummercjali jew minn hwejjeg ohra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirrizulta minn att pubbliku, jaqghu bi preskrizzjoni bl-eghluq ta' hames snin.

Fil-kaz sottoezami jidher car mill-ewwel li l-kreditu reklamat ma jikkoncernax prezz ta' opri jew xogholijiet

ezegwiti mis-socjeta` attrici, jew ghal prezz tal-materja li setghu fornew fl-ezekuzzjoni ta' dawn x-xogholijiet, izda huwa kreditu semplici ghall-prezz ta' merkanzija mibjugha mis-socjeta` attrici. Minn dan jidher car li certament ma japplikaxx is-subartikolu (a) tal-Artkolu 2148 indikat mill-konvenut appellant.

Kif inghad hawn fuq il-kreditu jikkoncerna prezz ta' merce mibjugha mis-socjeta` attrici lill-konvenut, jew personalment jew ghan-nom tal-kumpanija, kif qed isostni l-istess konvenut appellant (din id-distinzjoni, f'dan l-istadju u ghall-fini tal-eccezzjoni moghtija hija rrilevanti). Jidher ukoll li tali bejgh huwa wiehed hekk imsejjah "bl-imnut" in kwantu jidher li mhux kontestat li din l-istess merkanzija kienet intiza ghall-uzu "personali" u mhux biex terga' tinbiegh lill-terzi: dan anke jidher mill-partiti ta' merkanzija li nbieghu li huma, fil-maggor parti taghhom, wahdiet u mhux kwantita`. Ghalhekk ghandha tapplika l-preskrizzjoni kontemplata fl-artikolu 2148 (b) u mhux dik kontemplata fl-artikolu 2156 (f) billi, kif jipprovdi l-istess artikolu, il-preskrizzjoni ta' hames snin hemm kontemplata, tapplika biss kemm-il darba "*l-kreditu ma jkunx jaqa', skond din il-ligi jew ligijiet ohra, taht preskrizzjoni aqsar …*"

Issa minn ezami tal-istatement (Dok C) presentat mis-socjeta` attrici flimkien mac-citazzjoni jidher b'mod car li l-kreditu jirrisali ghas-snin 1989, 1990 u 1991 mentri l-proceduri odjerni gew istitwiti fid-29 ta' April, 1994 cioe` aktar minn tmintax-il xahar mid-data ta' l-ahhar invoice. Jinghad ukoll li ma jirrizultax li l-preskrizzjoni giet interrotta b'xi att gudizzjarju iehor jew li kien hemm rinunzja tal-preskrizzjoni da parti tal-konvenut. Din l-eccezzjoni ghalhekk ghandha tigi milqugha.

Pero` billi din l-eccezzjoniji nghatat f'dan l-istdaju inoltrat tal-kawza, din il-Qorti sejra tipprovdi, minhabba f'hekk, fir-rigward tal-kap tal-ispejjes.

In vista ta' dak li inghad hawn fuq dwar l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata f'dawn il-proceduri fl-istadju ta' dan

l-appell, din il-Qorti mhux ser tghaddi biex tikkonsidra l-aggravju l-iehor sollevat mill-konvenut appellant.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tilqa’ l-appell interpost mill-konvenut billi tiddikjara li l-azzjoni attrici hija perenta a tenur a’ l-Artikolu 2148 (b) tal-Kodici Civili u ghalhekk tirrevoka s-sentenza appellata, b’dan pero` li tordna li l-ispejjes taz-zewg istanzi jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------